**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 214, 215, 216, 325 (1) (b) u 338 (ee) tal-Kapitolu 9; Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Kump. Nru: 215/14**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**ELTON BRINCAT**
**(ID: 461878M)**

**Illum, 12 ta' April 2016**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ELTON BRINCAT,** ta' hamsa u tletin sena, bin Paul u Mary nee' Ghigo, imwieled Attard nhar it-23 ta' Settembru 1978, residenti 6, Triq il-Kapuccini, Marsa u detentur tal-karta tal-identita' numru 461878(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fis-27 ta' Frar 2014 ghall-habta tas-7:00 ta' filghaxija gewwa l-lokalita' tal-Gzira:

1. bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PS1086 Johan Micallef wera' dan il-hsieb billi b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel lill-Pulizija u cioe' lil PS1086 Johan Micallef waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lil dan il-membru tal-Korp tal-Pulizija jaghmel dak li b'ligi kien ordnat li jaghmel billi hassar jew gab fix-xejn dak li dan l-istess membru tal-Korp tal-Pulizija kien ghamel.

3. u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura HBN205 tal-marka Peugeot b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz.

4. u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fuq vettura numru EBK656 ghad-detriment ta' Joseph Agius - ID Card 0249049M, liema hsara ma tiskorrix elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

F’ kaz ta’ htija l-Qorti giet mitluba:

i) titratta mal-imputat Elton Brincat talli rrenda ruhu recidiv wara sentenza datata 7 ta' Mejju, 2010 moghtija mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D; sentenza datata 5 ta' Novembru, 2010 moghtija mill-Magistrat Dr. M. Hayman LL.D; u sentenza datata 12 ta' Dicembru, 2011 moghtija mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D; liema decizjonijiet saru definittivi.

ii) tiskwalifika lil Elton Brincat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan f'kaz tal-ewwel kundanna ghal zmien ta' mhux inqas minn tliet xhur, u f'kaz tat-tieni kundanna jew kundanna ohra wara ghal zmien ta' mhux anqas minn sena ai termini tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. PG1 a fol. 7 u fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. PG2 a fol. 8 et sequitur tal-Process.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-7 ta’ Lulju 2014 (fol. 66) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u rat illi wara li l-istess artikoli gew moqrija seduta stante nhar il-15 ta’ Lulju 2014 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b’digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim’Imhallef datat 21 ta’ April, 2014 u b’mod permanenti b’digriet tal-20 ta’ Novembru, 2014.

Illi nhar is-27 ta’ Marzu, 2014 xehed l-**Ispettur Pierre Grech** u spjega li kien nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Frar, 2014 meta kien hemm pulizija tad-Drug Squad li kienu qeghdin xoghol fl-inhawi tal-Gzira u ezattament filghaxija ghall-habta ta’ wara s-sitta ta’ filghaxija, hemmhekk kienu raw vettura tat-tip Peugout 307 HBN 205 li kienet misjuqa minn Elton Brincat. Dawn kellhom suspett illi dan l-istess Elton Brincat jista’ jkun kellu xi droga fuqu. Huma ddecidew li jwaqqfuh biex jiccekjawh u fil-fatt meta huma waqfuh ipparkjaw il-karozza Skoda ta’ kulur silver EBK656 li kienu qed jaghmlu uzu minnha l-pulizija dak il-hin. Huma marru fuq in-naha jigifieri n-naha ta’quddiem tal-karozza li kienu qed juzaw, il-pulizija giet

man-naha ta' wara tal-vettura ta' Elton Brincat, kull ma kien hemm xi distanza zghira hafna biex ikunu vicin tal-karozza tieghu. Il-karozza tal-pulizija kien qed isuqha PC1348 Joseph Campbell u passiggier kien hemm is-Surgent 1086 Johann Micallef. Is-Surgent Johann Micallef x'hin ezatt il-karozza taghhom giet mal-karozza tas-suspettat akkuzat, hareg jigri u mar biex iwaqqfu wahdu. Il-pulizija l-iehor baqa' fil-karozza fuq l-i*steering* tal-karozza tal-pulizija. Meta waqfu qallu li hu pulizija biex dak il-hin jieqaf.

Fil-fatt l-akkuzat irriversja l-karozza u anka laqghat il-karozza li kienu biha l-pulizija u kien hemm xi *damages* fuq il-*bumper* tal-karozza li kienu biha l-pulizija. Is-Surgent meta ra hekk biex jipprova jwaqqfu, ra li l-hgiega tal-vettura tieghu kienet kemm kemm imbexxqa u pprova jdahhal idu got-tieqa biex ikun jista b'xi mod jiftahielu ghax ma setghax jiftahha minn barra. Qal li huwa kien qed jirrapporta dwar dak li gie rrapportat lilu ghax ma kienx fuq il-post. L-akkuzat saq 'l hemm jigifieri saq minn fuq il-post. Izda s-Surgent li kien dahhal idu gol-hgiega baqa' mdendel mal-karozza u ghal diversi metri bl-akkuzat isuq qieghed jittanta jitlaq minn fuq il-post.

Qal li prattikament is-Surgent infurmah illi hu beda jghid lill-imputat biex jiftah it-tieqa, tal-inqas jiftah it-tieqa halli jkun jista' jinqala' minn mal-karozza. Fil-fatt hin minnhom s-Surgent irnexxielu johrog idu mit-tieqa u nqala' minn mal-karozza izda ma kienx wegga. Fizikament ma weggghax b'dan l-accident u l-akkuzat baqa' sejjer.

Imbaghad marru ifittxu lis-Sur Elton Brincat, hu stess kien mar anka fejn id-dar t'ommu izda dak il-hin ma kienx hemm u fil-fatt infurmaw lil ommu ghalxiex li iriduh il-pulizija u mbaghad l-imputat mar minn jeddu d-Depot tal-Pulizija iktar tard, kienu xi nofs-il lejl. Jigifieri qisu xi nofs-il-lejl ta' bejn is-sebgha u ghoxrin

(27) u t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar 2014. Jiftakar kien tard filghaxija fejn imbaghad hemmhekk gie arrestat, u infurmawh bl-arrest tieghu.

Huwa kien ukoll kellem lis-Sur Elton Brincat li qed jaghrfu bhala l-akkuzat fl-Awla. Kien tah id-drittijiet tieghu, fosthom id-dritt illi jekk jaghzel hu jista' jkellem Avukat tieghu jew Prokuratur Legali qabel ma ssirlu xi tip ta' investigazzjoni , fil-fatt qal li l-imputat kien ghazel illi mhux ser jibbenefika minn dan id-dritt. Kienet l-ghazla tieghu li ma jkellimx Avukat. Esebixxa d-dikjarazzjoni ta' rinunzja ghall-parir tal-Avukat waqt l-investigazzjoni li qeghda dokumentata bhala Dok. GP1. Huwa spjega li kien ukoll hadlu stqarrija din hija maghmula minn tlett (3) pagni li kien imbaghad qaleb it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, 2014, kien hadilu ghall-habta tal-ghaxra u hamsa u ghoxrin minuta (10.25) ta' filghodu, fejn huwa kien staqsih dwar dan l-accident li semma u hu kien tah il-verzjoni tieghu ukoll. Din l-istqarrija ttiehded wara li nghatat is-solita' twissija u gharaf il-firma tieghu, il-firma tal-pulizija li kien xhud ta' din l-istqarrija PC349 J. Farrugia u l-firma tal-akkuzat Elton Brincat, liema stqarrija giet esebita u mmarkata bhala Dok. GP2.

Ipprezenta ukoll formalment il-vettura li tghajjat ukoll lill-akkuzat jigifieri l-*owner* registrat taghha huwa l-akkuzat stess. Hija tal-marka Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni HBN 205 u din giet markata bhala Dok.GP3. Ipprezenta sett ritratti tal-karozza li gew markati bhala Dok.GP4. Ipprezenta wkoll sentenza moghtija nhar il-hamsa (5) ta' Novembru 2010 mill-allura Magistrat Dr. Miriam Hayman fil-konfront ta' Elton Brincat u din giet dokumentata bhala Dok. GP5.

Illi nhar is-27 ta' Marzu, 2014 xehed **PS1086 Johann Micallef** u spjega li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar, 2014 flimkien mal-kollega tieghu PC1348 kienu qeghdin fl-inhawi tal-Gzira ghall-habta ta' xi s-sebgha ta' filghaxija fejn innota vettura Peugout Blue HBN205 misjuqa minn Elton Brincat li gharfu bhala l-

imputat f'din l-Awla. Hu qal lill-kollega tieghu biex isuqu warajh ghaliex kien deher suspettuz u kif Brincat tefa' f'kantuniera u ipparkja hazin qal lill-kollega tieghu biex jghaddi minn wara sabiex jinzlu jiccekjawh. Infatti Elton Brincat ipparkja wara vettura, huma pparkjaw warajh, nizel hu mill-vettura taghhom, mar hdejn il-hgiega ta' Brincat, habbatlu, qallu li hu pulizija u mar biex jiftahlu l-bieba. Elton Brincat li kien qieghed isuq, minghajr ma hares lejh, dahhal ir-*reverse* u kif rah idahhal ir-*reverse* rega' beda jghidlu li hu pulizija, dahhal idejh minn gol-hgiega ghax kienet imbexxqa b'tali mod li seta' jdahhal idejh biex jiprova jgholli l-*lock*. Dak il-hin l-imputat irriversja b'tali mod li laqat il-vettura taghhom u beda hiereg minn bejn iz-zewg karozzi. Hemmhekk irrealizza li kien qieghed maqbud mal-hgiega ghax bil-mod kif kienet imbexxqa t-tieqa kien hemm spazju ezatt biex idahhal idejh u l-imputat spicca jsuq b'idejh imwahla fit-tieqa. L-art kienet imxarrba ghax kienet kemm ghamlet ix-xita, ma setghax itella' xi *speed* u spiccaw jigru bih mdendel mal-hgiega tal-bieba fit-triq.

L-imputat spicca saq xi distanza ta' madwar tletin (30), erbghin (40) metru izda mbaghad giet vettura ohra minn quddiem li kien ha jidhol fiha u Elton Brincat hemmhekk slowja u tah cans li dawwar idejh mill-*elbow* u seta' johrog idejh minn mal-hgiega. F'dan il-hin sakemm beda ghaddej huwa beda jghidlu li hu pulizija u f'hin minnhom ukoll qallu biex almenu jnizzel il-hgiega ha jaqla' jdejh ghaliex haseb li ha jibqa' jirranka biex jahrab mis-sitwazzjoni. Ix-xhud haseb li kif jsib il-ftuh l-imputat kien ha jzid l-ispeed u hu ma setghax ilahhaq mieghu prattikament. Mistoqsi xi griehi kien hemm fuqu relatat ma' dan l-incident huwa spjega li griehi ma kellu xejn. Mistoqsi jekk il-karozza li kienu biha garbitx xi hsarat huwa spjega li kellha hsarat fil-*bumper* ta'quddiem pero' nizlu l-garaxx u kellhom jaraw imbaghad bhala stima u spjega li ezattament hu ma dahalx fiha bhala spiza.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami gie mistoqsi jekk effettivament jaqbilx li hu kien pajzan u spjega li iva. Mistoqsi jekk jaqbilx li l-karozza ma kienitx karozza tas-servizz u ma kelliex *logo* tal-pulizija spjega li jaqbel li ma kinitx pero' kellu t-*tag* imdendel tal-pulizija. Mistoqsi jekk jaqbilx li effettivament il-karozza kienet karozza normali mhux karozza tal-pulizija huwa spjega li jaqbel pero' malli habat urewh li kienu pulizija.

Illi nhar is-27 ta' Marzu, 2014 xehed **PC1348 Joseph Campbell** u spjega li fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar, 2014 waqt li kien qieghed fil-vettura ma' PS1086, PS1086 innota vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBN205 tal-ghamla Peugeot ta' kulur blue u go fiha kien hemm Elton Brincat. Mistoqsi jekk hux qed jaghrfu spjega li iva u ndika lill-imputat. Spjega li jiftakar illi s-Surgent qallu biex jifollowjah. Huwa fil-fatt beda jifollowjah. Dan f'hin minnhom ipparkja f'kantuniera tat-triq u s-Surgent tah ordni biex jaghlqu minn wara. Fil-fatt huwa ra li fuq quddiem ma kellux fejn imur ghax kien hemm karozza ohra ipparkjata u ghalqu minn wara. Halla dik il-ftit distanza minn karozza ghall-ohra biex ma jahbatx go fih hu u nizel is-Surgent biex iwaqqfuh.

Is-Surgent habbatlu mal-hgiega qallu li pulizija, jiftakar li x-xufier tal-vettura mill-ewwel dahhal ir-*reverse*, irriversja go fih u baqa' jimbottah ghal ftit sakemm kellu *clearance* minn quddiem biex hareg u qala' *gas down*. F'dak il-mument jiftakar li is-Surgent kien inqabad b'idejh gewwa ghax kellu ftit mit-tieqa mnizzla u ra lis-Surgent jigri mal-vettura ta' Elton b'idejh imqabbda gewwa. Wara xi ftit metri, bejn wiehed u iehor ikkalkula xi hamsa u ghoxrin (25) metru sewqan bih, s-Surgent irnexxielu johrog idu u l-imputat baqa' sejjer *gas down*.

Mistoqsi jekk jafx in-numru tar-registrazzjoni tal-karozza tieghu huwa spjega li kienet vettura tal-kiri li juzaw fuq ix-xoghol u minghalih li kienet tal-ghamla Skoda. Mistoqsi x'kulur kienet spjega li kienet bluna skura. Rega' gie mistoqsi

x'kulur kienet il-karozza li kienu qed juzaw u spjega li l-karozza taghhom ma jiftakarx ghax ibiddlu vetturi hafna drabi. Mistoqsi jekk jiftakarx n-numru tar-registrazzjoni huwa spjega li jekk m'huwiex sejjer zball il-vettura taghhom kienet griza tal-ghamla Skoda. Mistoqsi jekk kien hemm xi hsarat fuq din il- fvettura Skoda spjega li kellha xi hsarat fuq il-*bumper*. Ma kienx hemm hsarat kbar hafna. Kien hemm il-*bumper* zgur. Qal li huwa mhux espert imma kien hemm id-daqqa li tahom gol-*bumper*. Il-*bumper* kien jidher bid-daqqa sewwa u jekk mhux sejjer zball kien hemm xi qarsa zghira fil-*mudguard* l-istess jigifieri m'huwiex cert pero'. Mistoqsi jekk hu qalx li kien dahal go fih huwa spjega li ma kienx il-kaz ikkonferma li l-imputat kien dahal gol-vettura taghhom. Mistoqsi huwa x'ghamel meta ra lis-Surgent qieghed imwahhal spjega li saq ghal warajhom u x'hin irnexxielu jinqala' ghabba lis-Surgent u baqghu jippruvaw jilhqu ma' Elton imma ma rnexxilhomx.

**L-imputat Elton Brincat** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar is-7 ta' Novembru, 2014 u spjega li huwa ghandu sitta u tletin (36) sena. Huwa fil-prezent jahdem u ghandu importazzjoni li qed igib id-*detergents* mill-Italja u jbieghhom fil-hwienet u ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar erba' (4) xhur u qabel kien jahdem ta' *sales person* ma' kumpanija. Spjega li effettivament l-*employer* li kellu kien habib ta' missieru fil-passat u kien hu stess li ghenu biex jibda ghal rasu. Pero' fil-passat huwa kellu problema kbira ghax-xoghol u dan ghaliex kien jabbuza mid-droga u kellu problema biex isib xoghol u spjega ukoll li ghamel zmien il-habs. Huwa hareg mill-habs f'Novembru, 2011 u peress li huwa kellu kondotta reflettarja ma setghax isib *job* u spjega ukoll li kellu problemi ta' dejn u ghalhekk huwa prova jsib impjieg biex jipprova jaqta' d-dejn li kellu.Spjega li meta hareg mill-habs sab il-problemi kollha ma' wiccu, anzi spjega li din id-darba l-problemi kienu akbar u ghalhekk kellu n-nies jigu jfittxuh, jhedduh u affarijiet bhal dawn. Fil-fatt sar jaf li anke waqt li kien il-habs kienu jmorru jhabbtu l-bibien ta' ommu u ta' missieru u kemm-il darba bidel il-*mobile* ghaliex kienu jdejquh. Rapporti l-

Ghassa pero' ma ghamilx. Dana ghaliex ma setghax imur jaghmel rapport l-Ghassa biex jghid lill-Pulizija li kienu qed jhedduh nies fuq flus li kellu jaghtihom minhabba d-droga.

Il-vizzju li kellu kien wiehed kbir l-ghaliex huwa kien jabbuza bil-kbir mid-droga kokaina. Fil-fatt kellu d-dejn kemm minghand is-*suppliers* tieghu ma' min kien jixtri d-droga kif ukoll minghand nies ohrajn biex jaghtuh il-flus biex imur jixtri d-droga u wara li ghamel sitt (6) xhur barra mar ghamel il-programm ta' San Blas u kien *residential*. Waqt li tkun ghaddej il-programm inti ghandek tfittex xi xoghol u fil-fatt waqt li kien ghadu San Blas ghamel komunika ma' dan ir-ragel li semma’ fix-xhieda tieghu, tah il-fiducja tieghu u beda jahdem mieghu mill-ewwel u beda jtaffi l-problemi li kellu.

Jiftakar li dakinhar tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar 2014 huwa kien telaq minghand it-tfajla tieghu u mar ghand ommu, imbaghad telaq minghand ommu u kien ha jmur jaghmel dawra sakemm jghaddi ftit hin biex jerga' jmur ghat-tfajla u gibed lejn in-naha ta' Tas-Sliema, Tigne Point u huwa u niezel ftakar li ma kellux sigaretti, waqaf biex jixtri s-sigaretti u kif qieghed mal-genb bil-karozza startjatha b'sigarett sema’ xi hadd jaghti mal-bieba tal-karozza u jipprova jiftah il-bieba. Mohhu dak il-hin tah l-istint li jaqbad jirriversja u jitlaq l'hemm u rriversja ghaliex huwa kien ipparkjajt kwazi quddiem imiss ma' ta' quddiemu u saq l'hemm.

Spjega ukoll li dak il-hin huwa beza’, tefa’ l-*mobile* u mar ghand it-tfajla tieghu li kien ilu maghha biss xahrejn (2). Jaf li mbaghad il-Pulizija cemplu lil ommu d-dar u ommu bdiet iccempillu, ma setghetx taqbdu ghax kellu l-*mobile* mitfi u ghamlet kuntatt mat-tfajla tieghu, imbaghad mar id-dar ha *shower* u mar l-Ghassa. Imbaghad il-Pulizija dak il-hin qalulu li huwa gie mwaqqaf mill-Pulizija u cio' nonostante telaq l'hemm, pero' huwa ma kienx induna qabel li l-Pulizija riedu jwaqfuh.

Huwa fl-ebda hin ma ghadda minn fuq xi Pulizija jew persuna ohra. Mhux minnu dak li qalu l-Pulizija li huwa saq l'hemm u kien hemm xi Pulizija mdendel mal-karozza. Fil-fatt meta tela' jixhed il-Pulizija ftit wara lanqas kellu xejn fuqu. Ir-reazzjoni tieghu li meta persuna giet thabbat mat-tieqa kienet biex jitlaq minn fuq il-post. Huwa fil-fatt kien qed isuq il-karozza tieghu Peugeot 307.

Meta huwa kien irriversja kien tas-Sliema jaf li laqghat karozza ta' haddiehor u jaf li ghamlilha xi hsara u fil-fatt kif jirrizulta fil-verbal, huwa diga' hallashom u huwa hallashom ghaliex kien hu li dahal fiha din il-karozza. Huwa ma rrappurtax in-nies li kienu qed ibezzghuh peress li huwa kellu jaghtihom il-flus fuq kwistjonijiet ta' droga u ghalhekk ma deherlux li kellu jmur jirrappurtahom l-Ghassa.

Huwa ma jidhirlux li ghandu jikxef min huma dawn in-nies li bdew jhedduh, pero' llum il-gurnata peress li qed jaqta' d-dejn tieghu m'ghadux jibza' minnhom daqs kemm beza' minnhom qabel. Spjega li effettivament kien hemm xi ghaxar (10) minn nies li huwa kellu jaghtihom flus u spjega li f'daqqa kellu jaghtihom certu eluf. Mistoqsi jekk huwa kienx jaf lill-persuna li waqfitu kienet Pulizija spjega li ma kienx jaf. Mistoqsi jekk hu dakinhar rax lil xi Pulizija bl-uniformi huwa spjega li Pulizija bl-uniformi ma rax dakinhar.

Illi nhar it-3 ta' Marzu, 2015 xehdet **Jean Cali'** in difesa u spjegat li l-ewwel darba li Elton Brincat gie registrat mal-Caritas kien Awwissu 2012. Kellu problema kbira ta' abbuz ta' droga eroina u kokaina dak iz-zmien. Sussegwentement fl-ewwel (1) ta' Frar, 2013 beda programm residenzjali u ghamel il-programm kollu. Spjegat li effettivament huwa kellu *job* ta' *salesman* u ma setghax izomm mal-hinijiet taghhom u ghalhekk ma kompliex jmur filghaxijiet ghall-appuntamenti. Imbaghad fetah ghal rasu u l-problema ta' hinijiet saret ghar. Ghalkemm taf li meta spicca l-*course* mar jaghmel tmien (8)

sessjonijiet ohra u hallha l-*urines* u dawn kienu *clean*. Spjega li huwa tajjeb li l-imputat ikollu x-xoghol ghaliex meta jsib ruhu ma jaghmel xejn isir dizastru. Il-fatt li kien qed jahdem kienet ukoll terapija ghalih u fil-fatt ma baqghux jippressawh.

Semghet lill-avukati jittrattaw il-fatti specie tal-kaz u jitolbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

M'hemmx dubju li din il-kawza tiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda li semghet il-Qorti u dan wara li ghamlet apprezzament taghhom ai termini tal-**Artikolu 637** tal-Kapitolu 9. Ghalhekk bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta, karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjata ghal hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, w dan ghaliex ghalkemm ma ghexitx il-process tul il-medda ta' zmien li l-kaz dam pendenti il-Qorti, semghet lill-imputat jixhed *viva voce* quddiemha, ezaminat l-imgieba w il-komportament tieghu, u ghalhekk kienet hija stess li setghet tikkonstata x'interess seta' kellu l-imputat f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda w dan hu proprju l-ezercizzju li ser taghmel din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura w thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputat qed jghid il-verita' jew ma huwiex. Pero' fic-cirkostanzi kif inhuma, u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-imputat m'huwiex hati tad-delitti imputati lilu, trid ukoll tasal

ghall-konkluzzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu, speci ta' kongura minn persuni – membri tal-korp tal-pulizija - biex jaddebitawlu delitti li ma kkommettiex.

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, w dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Michele Borg et**' (deciza mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-*onus* generali tal-prova, w cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija, w ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat, huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** – vol. III, Kap. IV, pg. 236, Ediz. 12 - 1890:

*"il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta ai chi accusa onus probandi incumbit qui asserit."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer**' deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997, fejn il-Qorti tenniet li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, w b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. In fatti **Lord Denning** fil-kaz '**Miller v Minister of Pensions**' [1974] 2 All ER 372, jaghti bhala spjegazzjoni ghall-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*" is-segwenti:

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to detect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed*

*with the sentence ' of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice.*"

Il-Qorti hawnhekk taghti spjegazzjoni tat-tifsira uzata komunement u cioe' li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubbju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragjonevoli, l-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija w ghalhekk l-Qorti hija obbligata li tillibera.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Illi l-fatti fil-qosor kienu is-segwenti:

Illi nhar is-27 ta' Frar 2014 ghall-habta tas-7.00p.m. il-Pulizija ta' Kontra d-Droga waqfu lill-imputat li kien qed isuq karozza gewwa il-lokalita' tal-Gzira u dan ghaliex fil-fehma taghhom deher suspettuz. Jirrizulta il-pulizija kienu rikbin karozza tal-kiri tal-ghamla Skoda bin-numru ta' registrazzjoni EBK656 u libsin pajzana salv ghat-'*tag*' li kellhom imdendla ma' ghonqhom li kienet tindika li kienu l-pulizija. F'hin minnhom jidher li l-pulizija saqu ghal wara l-imputat u sakruh bejnhom u bejn karozza li kienet quddiemhom. Nizel mill-vettura PS 1086 Johann Micallef u dan mar ikellem lill-imputat u talbu sabiex jieqaf wara li kien identifika ruhu li hu pulizija. Jghid li dak il-hin l-imputat kellu t-tieqa tan-naha tieghu miftuha ftit u l-pulizija dahhal idejh biex jipprova johodlu c-cavetta sabiex l-imputat ma jsuqx 'l hemm pero' cio' nonostante l-imputat saq 'l hemm wara li irriversja fil-vettura li kienu rikbin fiha il-pulizija bin-numru ta' registrazzjoni

EBK656 u kkawza hsara lil din l-istess vettura ghalkemm minima. PS 1086 Johann Micallef jghid li baqa' imdendel mal-karozza waqt li l-imputat saq ghal diversi metri u kien wara ftit ta' hin li rnexxielu jinhall. L-imputat saq 'l hemm u kien biss filghaxija li l-imputat mar l-ghassa minkejja li l-pulizija fittxewh ghand ommu wara l-incident.

L-imputat jghid li huwa kellu problema kbira ta' droga u kellu djun kbar u meta fil-fatt ra lil din il-persuna tmur fuqu ma kienx jaf li l-persuna kienet pulizija u li ma rahiex tiddentifika ruhha bhala pulizija u kien ghalhekk li saq 'l hemm.

Dwar il-fatti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni salv li l-imputat jghid li mhux minnu li l-pulizija identifikat ruhha mieghu u mhux vera li saq 'l hemm meta il-pulizija kellu idu mat-tieqa tieghu u ghalhekk fl-ebda hin ma saq b'mod traskurat.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' attentat ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' PS 1086 Johann Micallef. Fil-fehma tal-Qorti u tenut kont ta' l-assjem tal-provi m'hemmx dubbju li f'dan l-incident l-imputat saq 'l hemm meta gie affrontat mill-pulizija pero' f'dan il-mument ma kkawza l-ebda feriti fuq il-persuna ta' l-istess pulizija, lanqas dawk ta' natura hafifa u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li l-imputat kellu xi intenzjoni specifika li jikkawza xi ferita fuq il-persuna ta' PS 1086.

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni ghandu jinghad *ab inizio* li m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li r-reat ta' tentattiv ta' ferita gravi ma jezistix. Illi b'referenza ghal dan ir-reat il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet '**Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**[1]:

[1] Deciza fis-16 ta' Ottubru 2003.

Illi **Francesco Antolisei** jghid hekk dwar dan ir-reat is-segwenti:-

"*Quanto al tentattivo la nostra concezione porta ad ammettere che possa verificarsi anche nei confonti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentattivo sia ipotizabbile non e dubbio e per convincersene basta pensare al caso ... dell'individio che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfegiarla, senza riuscire a colpirla nel viso Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentative di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo.*"[2]

---

[2] Ref. Manuele di Diritto Penale Parte Speciale 1, Pagna 79

Illi dan il-principju gie riaffermat fil-gurisprudenza taghna diversi drabi. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Superjuri) qalet hekk fuq dan il-bran hawn fuq kwotat u fuq ir-reat ta' tentattiv ta' ferita gravi:

"*Din il-Qorti tara li dan il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accettata mill-Qrati tal-Gustizja Kriminali taghna u cioe li jista jkollok tentattiv ta' offiza gravi jew gravissima purche jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew gravissima skond il-kaz*".[3]

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami dak li ghandu jigi stabbilit huwa jekk l-imputat kellux l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda mill-konsegwenzi ta' l-offiza gravi. Issa kif gie affermat fis-sentenza moghtija fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Mario Camilleri':**

"*Jekk kienx hemm din l-intenzjoni jew le hija kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudizzju tal-Qorti billi tiehu kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom tan-natura ta' l-istrument uzat u tal-parti tal-gisem li lejha kien indirizzat dak l-istrument*".[4]

Illi fil-kaz in ezami ma kien hemm ebda strument uzat, ma kien hemm ebda '*struggle*' bejn l-imputat u l-istess PS 1086 Johann Micallef, ma kien hemm l-ebda ferita sofferta minn PS 1086 Johann Micallef u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li minn dan il-kwadru ta' fatti wiehed jista' minghajr dubbji ragonevoli jasal ghall-konkluzzjoni li l-imputat ma kienx ifforma l-intenzjoni specifika li jikkawza griehi gravi fuq il-persuna ta' PS 1086 Johann Micallef, li ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma hix pruvata.

---

[3] Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, deciza 16 ta' Ottubru 2003
[4] (Appell Kriminali Inferjuri), deciza 8 ta' Frar 2002

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat talli ma obdiex l-ordni legittima tal-pulizija u talli fixkel lil PS 1086 Johann Micallef fil-qadi ta' dmirijietu. Jinghad u dan bla dubbju ta' xejn li PS 1086 kien ta ordni lill-imputat sabiex ma jsuqx u fil-fatt l-imputat fl-istatement tieghu jghid li kellu t-tieqa imbexqa xi zewg pulizieri, tlieta u sema' xi ghajjat pero' ma ndunax li kien pulizija li kien kelmu. Illi l-Qorti hija konvinta li l-imputat kien jaf li l-persuna li marret ma' genbu kienet fil-fatt pulizija pero' cio' nonostante xtaq jahrab minnha. M'hemmx dubju li huwa minnu li l-pulizija tah ordni biex ma jsuqx ghaliex dik kienet l-intenzjoni tal-pulizija u cioe' li jwaqqfu u jara x'kien qed jaghmel fil-karozza startjata.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Gunju 1997 fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v Marvic Attard Gialanze</u>'** dwar il-kontravenzjoni in desamina fejn dik il-Qorti ghamlet referenza ghall-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qalet li:

*"Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-Awtorita', ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama wara dwar l-gustizzja intransika ta' dak l-ordni.* **[***vide sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Ottubru 2002 fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija v Austin Grech</u>****]. Ordni jitqies legittimu ai fini tal-kontravenzjoni fil-paragrafu 'ee' tal-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu, jigifieri prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata."*

Ma jirrizultax li kien hemm xi haga prima facie rregolari fl-ordni li PS 1086 Johann Micallef ta lill-imputat u ghalhekk l-imputat kellu joqghod ghal dik l-ordni u mhux jisfida l-awtorita' pubblika u jitlaq 'l hemm. Din il-kontravenzjoni tirrizulta provata sodisfacentement.

Dwar it-tielet akkuza l-imputat hu akkuzat talli saq b'manjiera traskurata u perikoluza. Illi minn ezami tal-**Artikolu 15 tal-Kapitolu 65** tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' mill-Ordinanza tar-Regolamenti tat-Traffiku, jirrizulta li huwa reat min isuq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza.

Dwar dan l-artikolu tal-ligi, il-Qorti taghmel referenza ghall-istess sentenza citata mill-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni abbli taghha u cioe' ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-6 ta' Mejju 1997, fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud'** fejn dik il-Qorti qalet hekk:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) huwa kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilhaqx l-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku, kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont huwa deskritt fis-sub artikolu tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan bi traskuragni kbira. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatmanet jiehu r-riskju fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilita ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

*Sewqan Perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari is-sewqan kien ta' periklu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dan il-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-hin u l-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht*

*tnejn jew aktar minn dawn it-tlett form ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw d-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati."*

Jigi rilevat in oltre r-**Regolament 59 tal-Highway Code** jipprovdi li:

"*The driver of any motor vehicle whether on a major or a minor road, shall at all times, exercise due care and take all necessary precautions at any road junction."*

In oltre kif gie gustament ritenut f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Anthony Spiteri**':

*"Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a proper lookout ghall-vejikoli, pedestrians, u road-users ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu."* Il-Qorti osservat "*ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' split second u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati*." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.

Illi huwa principju ben stabbilit ukoll li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah "*proper look out*". Gie ritenut li:

*"Hu dover ta' driver to see what is in plain view… u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout…*

*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."* ('**Pulizija vs Roderick Debattista**', Appell Kriminali, deciz 26.05.2004)

Illi l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet ukoll li "*... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet..."* (**Pulizija vs Joseph Grech,** deciza 06.06.2003).

Illi fil-kaz in desamina l-imputat zgur li kien traskurat meta saq 'l hemm meta kien jaf li ma' genbu kien hemm persuna fil-vicinanzi taghha u li warajh u quddiemu kien hemm zewg karozzi li kienu qed jostakolawlu s-sewqan liberu. Il-fatt li huwa laqghat il-vettura li kienu rikbin il-pulizija u cioe' il-vettura numru ta' registrazzjoni EBK 656 minkejja li l-habta kienet de minimis, jammonta ghal nuqqas ta' proper look out li jammonta ghal sewqan traskurat. Ma jirrizultax li kien hemm xi xpeed eccessiv u dan ghaliex kieku kien ikolna sitwazzjoni aktar infelici u ghalhekk ma jirrizultax sewqan perikoluz pero' zgur li ghandna sewqan bla kont u traskurat.

Dwar ir-raba' akkzua u cioe' dik ta' hsara volontarja jirrizulta li l-imputat kif stqarr hu stess laqat il-vettura numru ta' registrazzjoi EBK 656 proprjeta' ta' Joseph Agius. PS 1086 Johann Micallef jghid li l-vettura li kienu rikbin kellha hsara fil-bumper ta' quddiem pero' dwar il-hsara jghid li kienu hadu l-karozza fil-garage tal-pulizija u ma jaf xejn aktar. Meta PC1348 Joseph Campbell gie mistoqsi jekk kienx hemm xi hsarat fuq il-vettura Skoda misjuqa mill-pulizija ex-admisses jghid:

"*spjega li kellha xi hsarat fuq il-bumper. Ma kienx hemm affarijiet kbar hafna. Kien hemm il-bumper zgur. Espert m'huwiex imma kien hemm id-daqqa li tahom gol-bumper. Il-bumper kien jidher bid-daqqa sewwa u jekk mhux sejjer zball kien hemm xi qarsa zghira fil-mudguard l-istess jigifieri m'huwiex cert pero'. Mistoqsi jekk hu qalx li kien dahal go fih huwa spjega li ma kienx il-kaz ikkonferma li l-imputat kien dahal gol-vettura taghhom*"

Illi fl-atti giet esebita stima tal-hsarat li sofra Joseph Agius li tinsab esebita a fol. 51 fejn hemm indikat li l-hsara kienet tammonta ghas-somma ta' mija u tlieta u tletin ewro u erba' u tletin centezmu (€133.34) u seduta stante nhar id-9 ta' Gunju 2014 l-imputat hallas dan l-ammont bla pregudizzju.

Ghalhekk qed jinghad li minkejja li Joseph Agius ma xehedx f'dawn il-proceduri, xorta jirrizulta li effettivament huwa sofra danni u cioe' dawk elenkati fid-dokument esebit fl-atti a fol 51 u li llum gew imhallsa. Illi minkejja li l-imputat ma ammettiex din l-akkuza fil-fehma tal-Qorti din tirrizulta u dan ghaliex m'hemmx dubju bl-agir tal-imputat, li irriversja meta kien konxju tal-fatt li warajh kien hemm karozza, jirrifletti li kellu il-previzjoni li jikkawza din il-hsara volontarja.

Dwar il-hames akkuza u cioe' dik tar-recidiva jinghad li r-recidiva hija akkuza u reat per se, separata u distinta minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra taht l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u jirrikjedu certi kondizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u fuq kollox, ipprovati mill-Prosekuzzjoni. F'dan il-kaz l-Prosekuzzjoni esebiet sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta ta' nhar il-5 ta' Novembru 2010 (Dok GP 5) a fol. 34 u minn ezami ta' dik is-sentenza jirrizutla li l-particulars tal-imputat odjern huma l-istess bhal dawk murija f'dik is-sentenza fejn l-imputat kien instab hati ta' reati konnessi mal-Ordinanza

tad-Droga u tal-Money Laundering u gie kkundannat prigunerija ghal perjodu ta' erba' snin. Ghalhekk din l-akkuza ta' recidiva tirrizulta ukoll.

Jinghad ghalhekk li wara li din l-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli **17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 214, 215, 216, 325 (1) (b) u 338 (ee) tal-Kapitolu 9; Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma issibx lill-imputat ELTON BRINCAT hati ta' l-ewwel akkuza u tilliberah minnha u issibu hati ta' l-akkuzi l-ohra kollha.**

Dwar il-piena, il-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-imputat u rat li l-imputat diga' kiser duffrejh mal-ligi f'diversi okkazjonijiet fejn sahansitra anke ghadda zmien konsiderevoli minn hajtu residenti il-habs. Pero' semghet lil Jean Cali, rapprezentant tal-Caritas tghid li l-imputat beda programm residenzjali sabiex jindirizza il-problema akkuta li kellu dwar abbuz ta' droga u irnexxielu jispiccah. Tghid li l-imputat illum fetah negozju ghal rasu u l-kampjuni tal-urina li qed jaghti lilhom dejjem taw rizultat negattiv ghall-prezenza ta' droga.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi ta' droga jfiqu minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita' u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta'.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lill-imputat sabiex jirreintegra ruhu tajjeb fis-socjeta' li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex

wara li semghet lil Jean Cali tixhed, temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin u konsegwentement ma thossx li ghandha tinfliggi piena karcerarja.

**Ghalhekk qieghda tillibera lill-imputat ELTON BRINCAT mill-akkuza ta' attentat ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' PS 1086 Johann Micallef u ssibu hati tal-akkuzi l-ohra kollha u tikkundannah multa ta' erba' mitt ewro (€400) komplessivament.**

**Oltre dan, ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tiskwalifikah mil-licenzji tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' hmistax-il jum mil-lum.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**